


# Ħal Tarxien

*Mag. Joe Cassar*



Il-Kappillan Pawlu Camilleri fl-1803 għall-ħabta tal-Għid għamel il-lista ta' nies li kien jaf fir-raħal. Qasam lil Ħal Tarxien f'għaxra:

| | | |
|---|---|---|
| 'Strada Reale' | 29 | dar |
| 'Strada detta ta Mignuna' | 14 | " |
| 'Strada detta ta Bir Bischel' | 25 | " |
| 'Strada detta ta Scentil' | 12 | " |
| 'Strada di Casal Nuovo' | 12 | " |
| 'Strada detta tal Baiada' | 8 | " |
| 'Strada detta ta Betta' | 12 | " |
| 'Strada detta wara il biud' | 34 | " |
| 'Strada dietro S Bartolomeo' | 17 | " |
| 'Vicino il Fornaro' | 1 | " |
| **L-għadd ta' djar** | **164** | |

Ta' xi uhud minn dawn in-nies il-kappillan jagħti l-laqam.

Angelo Mifsud li joqgħod fi 'strada Reale' għandu l-laqam 'ta Kaċia'. Joqgħod fejnu fl-istess triq Andrea Muscat magħruf bħala 'tal kormija'. F'din it-triq toqgħod ukoll Rosa armla ta' Ġiuseppe Camizuli imsejħa minn nies 'Fasalua'.

Fi 'triq ta Mignuna' (mit-tqabbil ma listi oħra tigi wara l-knisja , aktarx ħadet laqam ta' xi ħadd li fl-1803 ma jidhirx). Toqgħod is-sinjura Grazja Gauci, ' ta Balajlu '. Nicola Bonnici li joqgħod biswitha, ħdejn ismu għandu ' ta Sidra'. Qribu toqgħod Caterina armla ta' Francesco Cassar li għanda tlieta u sittin sena, imlaqqma 'tal Kali'. It-triq għanda wkoll lil Giovanni Camizuli 'ta Kabbel'.

Il-kappillan għadda għat-triq 'ta Bir Bischil'. Antonio Bonnici hu msejjah 'tal Patria'. Ġiuseppe Azzopardi, f'ħalq in-nies 'il Bleibla' , joqgħod ma' martu Marija u ibnu Filippu ta' erba' snin. Ħdejhom, il-kappillan niżżel li toqgħod Ġovanna armla ta' Giacomo Diacono, 'Sciotta'. Ġiovanni Muscat hu magħruf bħala 'il Sordo', Angelo Caruana bħala 'Lillu' (?) u Marija armla ta' Beligno Said ta' sittin sena 'itteueja'.

Fi 'Strada di Casal nuovo' Ġiuseppe Vella jerfa' l-laqam ta' 'Curdin'. F'din it-triq jissemma biss laqam ieħor. Carmela armla ta' Nicola Mifsud hi mlaqqma 'ta Kacia'. Ir-raġel tagħha aktarx kien jiġi minn Angelo Mifsud li joqgħod fi strada Reale għax għandu l-istess kunjom u laqam.

Ġiuseppe Tabone li joqgħod fi 'triq tal Baiada' (triq It Tempji Neolitiċi?) jew ġie hu minn Għawdex jew xi ħadd li nisslu. Laqmu hu 'il Gozitano'. Qribu Salvatore Azzopardi għandu l-laqam 'Pilato' u hekk barra li daħal fil-kredu dahal ukoll fil-lista tal-kappillan.

Fi triq 'ta Betta' kulħadd hu ferhan b'kunjomu.

Fi 'triq wara l Biut' Giuseppe Azzopardi , suldat ta tnejn u tletin sena ingħata l-laqam sabiħ ta' 'il Bambin'. Mhux sabiħ daqshekk il-laqam ' tal Mirjun' li jħaddnu Giuseppe Farrugia. In-nies kienet taf lil Giovanni Grima bħala 'ta Żebuġi'. Fejn Giuseppe Caruana, Il-kappillan Camilleri niżżel bil-lapes u mhux bil-linka il-kelma 'Pesatore' ( wieħed li jiżen ). Aktarx mestier u mhux laqam. Hekk Giuseppe Farrugia ta' 'strada dietro S. Bartolomeo' għandu fejnu 'Soldato'.

Ħafna nies kienu marru bħala suldati mar-re ta' Napli u r-raħal kien tbattal minn nies u ftaqar. Il-kappilan ma niżżilx aktar laqmijiet. Għarrafna li f' Ħal Tarxien kien hemm 555 ruħ: 239 raġel u 316 mara.

***Il-Festa t-tajba lil kulħadd.***